KUNSILL LOKALI TAL-IMTARFA

**MINUTI**

**Laqgħa tal-Kunsill Lokali tal-Imtarfa**

# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA

## Laqgħa Numru 19 – Laqgħa b'Urġenza

**It-Tlieta 13 ta' Ottubru 2020**

Il-Kunsilli Lokali tal-Imtarfa ltaqa' fin-12:30pm fis-Sala tal-Kunsill Lokali.

**PREŻENTI:**

Dott. Daniel John Attard – Sindku
Kyle Mifsud – Viċi Sindku
Simon Paul Fenech – Kunsillier
Marika Sammut Dimech – Kunsillier
Christianne Mifsud – Kunsillier

**ASSENTI B'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

**ASSENTI**

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Josette Micallef – Segretarju Eżekuttiv

## 19.1 Approvazzjoni tal-Offerta tal-Installazzjoni ta' sistema tal-Irrigazzjoni (MTFLC/T/002/2020)

19.1.1 Is-SE preżentat kopja tar-rapport tal-evalwazzjoni tal-offerta fejn kien hemm rakkomandazzjoni li jintagħżel ir-raba' offerent (140537) minħabba li huwa biss kien compliant.

19.1.2 Sadanittant ġibdet l-attenzjoni li fir-rapport li jiġi ġġenerat mill-istess sistema (opening report), jidher li għal xi raġuni mhux magħrufa tlieta minn erba' prezzijiet kienu jidhru l-istess. Għaldaqstant kienet intbagħatet kommunikazzjoni lid-Dipartiment tal-Kuntratti.

19.1.3 Il-Kunsill qabel li sakemm ma jkunx hemm xi risposta min-naħa tad-Dipartiment tal-Kuntratti li taffettwa d-deċiżjoni tagħhom, il-Kunsill kien qed jaqbel mar-rakkomandazzjoni tal-bord tal-evalwazzjoni.

19.1.4 Il-laqgħa spiċċat fis-12:40pm.

Konfermati, illum l-Erbgħa 28 ta' Ottubru 2020.

**IFFIRMATA**
Daniel John Attard
Sindku

**IFFIRMATA**
Josette Micallef
Segretarju Eżekuttiv